# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **663/2020**

**CITADEL INSURANCE PLC (C21550)**
**KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURATA TAGĦHA**
**DONALD CARTA**
**SKOND IL-LIĠI U SKOND IL-POLZA TA' ASSIGURAZZJONI**

**VS**

**XWIEKI (WORKS) LIMITED (C15559)**
**GJA BITMAC (WORKS) LIMITED**
**U**
**ROBERT RIOLO (KI 391966M)**

**U B'DIGRIET TAL-5 TA' NOVEMBRU 2020, ĠIE KJAMAT IN KAWŻA**
**MATTHEW MUSCAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħdax (11) ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali sabiex l-intimati jiġu dikjarati responsabbli għall-ħsara nġenti fuq il-*cabin cruiser "Ocean Pearl II"*, u kundannati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont globali ta' wieħed u ħamsin efl u erba' Ewro (€51,004) bħala danni subiti.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar it-tlieta (3) t'Awwissu 2020, is-soċjeta' rikorrenti **Citadel Insurance plc** ippremettiet:

   a. *Illi Donald Carta (ID 0575385M) kien is-sid tal-cabin cruiser bl-isem "OCEAN PEARL II" (numru tar-reġistrazzjoni 18021) li kien maħżun, cioe depożitat, fil-boatyard li tinsab f'Burmarrad operata u maniġġjata mill-intimati Xwieki (Works) Limited, gja Bitmac (Works) Limited u Robert Riolo u dan versu ħlas pattwit bejn il-partijiet;*

   b. *Illi fl-1 ta' Frar 2018 seħħ inċident fl-imsemmija boatyard fejn kien hemm nirien f'xi dgħajjes u tali nirien mexa minn dgħajsa għall-oħra tant illi l-cabin cruiser bl-isem "OCEAN PEARL II" fuq imsemmi sofra danni inġenti;*

   c. *Illi l-ħsara sofferta mill-assigurat ammontat għal ħamsin elf, sitt mija u ħamsin Ewro (€50,650) li flimkien ma' dan l-ammont għandu jiżdied l-ammont ta' tlett mija u erba' u ħamsin Ewro (€354) rappreżentanti l-fees tas-surveyor Oceanus Marine Ltd, u għalhekk it-total komplessiv ta' danni huwa ta' wieħed u ħamsin elf u erba' Ewro (€51,004);*

   d. *Illi l-intimati huma unikament responsabbli għall-ħsara fuq imsemmija u dan stante illi fl-operazzjoni u maniġġjar tal-imsemmija boatyard, huma naqsu serjament milli jieħdu prekawzjonijiet xierqa u opportuni sabiex*

*jevitaw riskju għall-ħażna ta' kwantita' kbira ta' cabin cruisers u dgħajjes oħra u sabiex jindirizzaw tali riskji u jipprovdu servizzi suffiċjenti kif trid l-arti u s-sengħa sabiex jekk jinqala' inċident il-ħsara li tiġri fuq il-post tiġi immedjatamanet indirizzata u minimizzata;*

e. *Illi apparti dan jirriżulta illi l-boatyard in kwistjoni ma kinitx debitament liċenzjata u/jew adebita b'permessi xierqa u relattivi skond il-liġi sabiex tiġi operata bħala tali;*

f. *Illi l-ħażna tal-cabin cuiser "OCEAN PEARL II" fuq imsemmi fl-imsemmija boatyard kien versu ħlas u għalhekk l-obbligu tal-intimati bħala depożitarji kien iktar aċċentwat skond il-liġi;*

g. *Illi l-assikurat tas-soċjeta' rikorrenti, u cioe Donald Carta, kien assikurat mas-soċjeta' rikorrenti u għab-bażi tal-polza relattiva huwa ġie kkompensat mis-soċjeta' rikorrenti għad-danni subiti u b'hekk is-soċjeta' rikorrenti ġiet debitament surrogata kif trid il-liġi;*

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara illi l-intimati responsabbli għall-ħsara nġenti fuq il-cabin cruiser "OCEAN PEARL II" fuq imsemmi;*

   ii. *Tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont totali ta' wieħed u ħamsin elf u erba' Ewro (€51,004) bħala danni subiti għar-raġunijiet premessi.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimati u bl-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-erbatax (14) t'Awwissu 2020, din il-Qorti kif diversement presjeduta appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, ħamsa (5) ta' Novembru 2020;

5. B'risposta ġuramentata datata tmintax (18) ta' Settembru 2020, **Robert Riolo** eċċepixxa:

   a. *Illi preliminarjament l-attriċi għandha tressaq prova li l-bastiment meritu tal-kawża tassew kien jappartjeni lill-assikurat tagħha, u li tassew seħħet is-surroga li abbażi tagħha qed tipproponi l-istanza odjerna;*

   b. *Illi bla preġudizzju għall-premess u wkoll preliminarjament, l-eċċipjenti m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attriċi jew ma' l-assikurat tagħha, u billi l-azzjoni attriċi hija waħda ex contractu, l-eċċipjent ċertament li m'huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi;*

   c. *Illi bla preġudizzju għall-premess u wkoll preliminarjament, għall-inċendu meritu tal-kawża jaħti unikament Matthew Muscat, sid il-bastiment li ħa n-nar, li għalhekk għandu jiġi msejjaħ fil-kawża;*

   d. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi kontra l-eċċipjenti hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;*

   e. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti m'huwiex responsabbli għall-ħsarat meritu tal-kawża u għalhekk it-talbiet attriċi huma kollha nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

   f. *Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi għandhom jiġu kollha riġettati bħala infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, stante illi l-assikurat ta' l-attriċi assuma r-riskji kollha naxxenti mill-ħażna tal-bastiment u għalhekk l-attriċi m'għandhiex azzjoni, billi min jikseb jedd b'surroga ma jiksibx aktar jeddijiet milli kellu s-surrogat;*

   g. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-attriċi għandha tressaq prova skond il-liġi dwar kull pretensjoni tagħha, u fin-nuqqas it-talbiet tagħha għandhom jiġu respinti;*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, u bl-inunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentant tagħha fi proċeduri ġudizzjarji.*

*B'riserva wkoll ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-eċċipjenti.*

6. B'risposta ġuramentata datata disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2020, is-soċjeta' intimata **Xwieki (Works) Limited** eċċepiet:

   a. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi għandha tagħmel prova taċ-ċessjoni minnha vantata, kif ukoll prova li Donald Carta, il-persuna msemmija fir-rikors ġuramentat, kien verament sid id-dgħajsa de quo;*

   b. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti ma taħtix għall-ħsara allegata mis-soċjeta' attriċi u għalhekk m'għandhiex tagħmel tajjeb għal ebda danni li setgħet sofriet is-soċjeta' rikorrenti kif allegatament surrogata fid-drittijiet tas-sid tad-dgħajsa bl-isem 'OCEAN PEARL II'. Kontrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' esponenti ma naqset fl-ebda mill-obbligi jew doveti tagħha skond il-liġi;*

   c. *Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' attriċi għandha tagħmel prova tal-quantum tad-danni minnha allegati in kwantu l-istess quantum huwa kontestat;*

   d. *Inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti qatt ma riċeviet ħlas fir-rigward tal-allegat depożitu tad-dgħajsa 'OCEAN PEARL II';*

   e. *Bl-ispejjeż u salv risposti ulterjuri.*

7. B'digriet mogħti nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru 2020, din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba magħmula mis-soċjeta' konvenuta

b'rikors tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2020, u ordnat il-kjamata fil-kawża ta' **Matthew Muscat**;

8. B'risposta ġuramentata datata tnejn (2) ta' Diċembru 2020, il-kjamat in kawża **Matthew Muscat** eċċepixxa:

*Illi l-esponenti ġie imsejjaħ bħala kjamat in kawża fid-digriet tal-5 ta' Novembru 2020 bħala sid tal-motor yacht bl-isem ta' Lady Graziella, liema dgħajsa inqerdet għal kollox fl-inċident li seħħ fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

*Illi l-atturi ma jgawdu ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali mal-kjamat in kawża stante illi huma għandhom relazzjoni kuntrattwali mal-intimati l-oħra jew min minnhom;*

*Illi l-esponenti ma għandu ebda responsabilita' għall-imsemmi inċident u għalhekk mhuwiex il-leġittimu kontradittur. Illi fid-data tal-inċident l-esponenti kien imsiefer u ħalla l-kustodja u sorveljanza tal-istess dgħajsa f'idejn l-intimati jew min minnhom għall-ħażna regolari fil-faċilita' tal-intimati jew min minnhom;*

*Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-esponenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-akkadut ma seħħx bil-ħtija tiegħu; l-esponenti qatt ma naqas milli josserva u jaderixxi mar-rekwiżiti tal-liġi u l-inċident in eżami ċertament ma seħħx minħabba xi tort, negliġenza, nuqqas ta' diliġenza jew nuqqas ta' prudenza jew nuqqas t'osservanza tal-liġijiet imputabbli lilu;*

*Illi jirrisulta illi l-intimati l-oħra jew min minnhom setgħa ma kellhomx il-permessi neċessarji u ma kienux awtorizzati jużaw l-imsemmija art bħala boat yard li għalhekk kienet nieqsa mil-liċenzji u awtorizzazzjoni regolari;*

*Illi jirrisulta ampjament illi l-intimati l-oħra jew min minnhom ma żammewx id-distanza neċessarja fil-ħażna tal-imsemmija dgħajjes u kellhom nuqqasijiet varji li waslu għall-imsemmi inċident. Illi l-kawża prossima tal-inċident ma ġietx definittivament stabbilita u l-esponent joġġezzjona bil-qawwa kollha li l-motor yacht tiegħu kienet u setgħet kienet il-kawża prossima tal-inċident stante illi l-imsemmija dgħajsa ma kinitx konnessa u supplita bl-elettriku. Illi l-intimati jew min minnhom ma ħadu ebda prekawzjoni u misuri ta' apparat tas-sigurta' u ma għamlu ebda tip ta' Polza tal-Assikurazzjoni sabiex joperaw tali Boat yard. Illi inoltre hija proċedura regolari u responsabilita' tal-operaturi ta' kull Yard li taqta' u twaqqaf il-kurrent meta il-Yard ma tkunx kustodita u meta ma jkun hemm ebda assistenti fil-yard liema proċedura hija waħda adoperata fis-settur u jidher għalhekk ċar illi fil-każ in eżami din il-proċedura ma kinitx qed tiġi osservata;*

*Kwindi hija eskluża b'kull mod kategoriku responsabbilita' jew responsabilita' kontributorja għall-imsemmi sinistru li seħħ minħabba imperizja u traskuraġni da parti ta' terzi. Illi l-fatt li l-intimati stqarrew lill-inkwirenti li jaħsbu li n-nar kien jidher l-aktar qawwi fuq id-dgħajsa Lady Graziella mhux prova li n-nar beda minn fuq l-imsemmija dgħajsa meta l-istess inkwirenti kkonfermaw sija mill-konvenut Robert Riolo illi d-dgħajjes kollha minbarra d-dgħajsa numru 9 kienu mqabbda mas-supply tal-elettriku; pero Cleaven Portelli jikkonferma li għalkemm kien tiela s-shore power fuq il-Lady Graziella jiċċara li ma kienx proprju kkonettjat li għalhekk kellu jeskludi short fuq appliances mill-istess Lady Graziella;*

*Jirrelataw ulterjorment fuq il-provi tal-Inkjesta Maġisterjali li ċertament għandhom jeskludu resposnabilita' tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti ma jistax jiġi kkundannat responsabbli għad-danni sofferrti minn terzi meta l-istess inkjesta eskludiet li l-inċident seħħ minn att doluż;*

*Illi l-esponent mingħajr preġudizzju għall-premess kien debitament asssikurat mis-soċjeta' MIB Insurance Agency Limited li saħansitra ħallsitu*

*għad-danni sofferti fil-motor yacht Lady Graziella. Illi s-soċjeta' MIB Insurance Agency Ltd taġixxi bħala aġent għall-MS AMLIN (Syndcate 2001 ta Lloyd's);*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni jeħtieġ li jiġu kwantifikati stante li ma ttieħdet ebda kunsiderazzjoni ta' deprezzament fil-valur tal-imsemmija dgħajsa proprjeta' ta' Donald Carta li allegatament ammontat għal €50,650.00, kwantifikazzjoni li jeħtieġ ukoll tiġi verifikata mill-esperti maħtura fuq dokumenti ta' reġistrazzjoni u dettalji oħra tal-istess dgħajsa;*

*Illi r-rikorrenti jeħtieġ jipprova illi huwa ġie ssurrogat b'mod leġittimu u skond il-liġi sabiex jikkwalifika sabiex jipprospetta l-azzjoni odjerna;*

*Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet u riservi ulterjuri skond provi u dokumenti li ser jiġu esebiti fl-atti tal-kawża;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

9. **B'Assenjazzjoni ta' Kawża wara Astensjoni jew Rikuża maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef nhar l-għoxrin (20) ta' Novembru 2023**, **din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta, illi rriappuntata għas-smigħ għas-seduta tal-erbatax (14) ta' Diċmebru 2023 b'digriet tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru 2023.**

**Il-Qorti**

10. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti datat tlieta (3) t'Awwissu 2020, u d-dokumenti annessi miegħu;

11. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata ta' Robert Riolo datata tmintax (18) ta' Settembru 2020;

12. Rat id-dokumenti esebiti mis-soċjeta' rikorrenti permezz ta' nota datata tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2020, u mmarkati **Dok DC1 sa DC9** a fol 33 *et seq* tal-proċess;

13. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata Xwieki (Works) Limited datata disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2020;

14. Rat l-affidavit ta' **Lawrence Formosa**, immarkat **Dok LF**, a fol 61-62 tal-proċess;

15. Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta mogħti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Novembru 2020, illi permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba magħmula mis-soċjeta' konvenuta permezz ta' rikors datat disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2020, u ordnat il-kjamata in kawża ta' Matthew Muscat;

16. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat in kawża Matthew Muscat, datata tnejn (2) ta' Diċembru 2020;

17. Rat l-affidavit ta' **Donald Carta** immarkat **Dok DC** a fol 77-78 tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

18. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Elio Desira**, prodott mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2021, a fol 90 *et seq* tal-proċess, u d-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok ED1** a fol 93 *et seq* tal-proċess;

19. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-**Perit Marielouise Caruana Galea**, prodotta mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2021, a fol 133A *et seq* tal-proċess;

20. Rat il-kopja tar-rapport sħiħ esebit mill-**Perit Marielouise Caruana Galea** permezz ta' nota, a fol 135 *et seq* tal-proċess;

21. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-**Ispettur Charlot Casha**, prodott mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju 2022, a fol 221 tal-proċess, u d-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok CC1** a fol 222 *et seq* tal-proċess;

22. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **PC302 Brian Alken**, prodott mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju 2022, a fol 228 tal-proċess, u d-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok BA1** a fol 229 *et seq* tal-proċess;

23. Rat id-dokument esebit mis-soċjeta' rikorrenti, immarkat **Dok MB**, a fol 297 *et seq* tal-proċess;

24. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Dr Martin Bajada**, prodott mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'Ottubru 2022, a fol 323 *et seq* tal-proċess;

25. Rat id-dokument esebit mis-soċjeta' rikorrenti, immarkat **Dok DV1**, a fol 326 *et seq* tal-proċess;

26. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Dr Daniel Vella**, prodott mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'Ottubru 2022, a fol 366 tal-proċess;

27. Rat id-dokument esebit mis-soċjeta' rikorrenti u mmarkat **Dok AC1** a fol 368 *et seq* tal-proċess;

28. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Dr Anthony Cutajar**, prodotta mis-soċjeta' attriċi quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023, a fol 436 *et seq* tal-proċess;

29. Rat l-affidavit ta' **Lawrence Formosa** esebit mis-soċjeta' rikorrenti a fol 444-445 tal-proċess u mmarkat **Dok LF**, liema affidavit kien ġia ġie esebit fl-atti tal-kawża;

30. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Elio Desira**, prodott mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023, a fol 446 *et seq* tal-proċess;

31. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Donald Carta**, prodott mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023, a fol 451 *et seq* tal-proċess;

32. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Jonathan Gatt**, prodott mill-konvenuti quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023, a fol 459 *et seq* tal-proċess, u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok JG1** a fol 462 *et seq* tal-proċess;

33. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Lawrence Formosa**, prodott mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Ġunju 2023, a fol 488-489 tal-proċess;

34. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn **Dr Daniel Vella**, prodott mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Ġunju 2023, a fol 490-491 tal-proċess;

35. **B'Assenjazzjoni ta' Kawża wara Astensjoni jew Rikuża maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef nhar l-għoxrin (20) ta' Novembru 2023**, **din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;**

36. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Robert Riolo**, waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar 2024[1], u rat il-vidjows u d-dokumenti fuq il-*pendrive* minnu esebita u mmarkata **Dok RR1** a fol 521 tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tinsab a fol 503 *et seq* tal-proċess

37. Rat ir-ritratti esebiti mis-soċjeta' konvenuta, kollettivament immarkati bħala **Dok A** a fol 523 *et seq* tal-proċess;

38. Rat it-traskrizzjonijiet esebiti mis-soċjeta' konvenuta permezz ta' nota datata erbatax (14) ta' Marzu 2024, immarkati **Dok A sa Dok D** a fol 530 *et seq* tal-proċess;

39. Rat id-dokumenti esebiti minn Robert Riolo a fol 572-573 tal-proċess;

40. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Robert Riolo** prodott mis-soċjeta' konvenuta waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju 2024[2];

41. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Robert Riolo**, prodott mis-soċjeta' attriċi in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2024[3];

42. Rat it-traskrizzjoni illi ġiet esebita mis-soċjeta' konvenuta permezz ta' nota datata disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2024, a fol 600 *et seq* tal-proċess;

43. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti datata tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2025;

44. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Robert Riolo datata tlieta (3) t'April 2025;

45. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata Xwieki (Works) Limited datata tmienja (8) ta' Mejju 2025;

46. Rat illi l-kjamat in kawża Matthew Muscat ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess;

47. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

---

[2] It-traskrizzjoni tinsab a fol 576 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tinsab a fol 592 *et seq* tal-proċess

48. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

49. Qabel tgħaddi sabiex tindirizza l-punti preliminari u l-punti fil-mertu sollevati mill-partijiet fil-kawża odjerna, din il-Qorti tibda billi tirrileva illi hija konxja, hekk kif ġie anke sottomess mill-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet relattivi tagħhom, illi ngħataw sentenzi minn din il-Qorti kif diversement presjeduta dwar dgħajjes oħra illi ġarrbu ħsarat fl-istess inċident mertu tal-kawża odjerna, senjatament il-kawżi fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Ltd vs Xwieki (Works) Limited gia Bitmac (Works) Limited et*** (Rik Nru 1241/2018 TA) u ***GasanMamo Insurance Limited vs Robert Riolo et*** (Rik Nru 1242/2018 TA), entrambi mogħtija nhar is-sitta (6) ta' Marzu 2025, u ***Citadel Insurance plc vs Xwieki (Works) Limited gja Bitmac (Works) Limited et*** (Rik Nru 664/2020 TA), mogħtija nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2025. Filwaqt illi din il-Qorti tifhem l-importanza illi, anke jekk mhux marbuta bit-teorija ta' preċedent illi effettivament ma tifformax parti mill-ordinament ġuridiku Malti, fl-ispirtu tal-konsistenza u ċ-ċertezza tad-dritt, għandha tikkonsidra dak illi ġie deċiż minn din il-Qorti kif diversement presjeduta dwar fatti illi huma prattikament identiċi għal dawk tal-każ odjern, din il-Qorti rat illi t-tliet sentenzi mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta jinsabu soġġetti għal appelli illi għadhom pendenti, b'dana għalhekk illi għad m'hemmx deċiżjoni finali fl-istess. Għaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt illi ħadet konjizzjoni tal-istess tliet sentenzi, u tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-istess, sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, b'konsiderazzjonijiet u deliberazzjonijiet illi mhux neċessarjament sejrin jirriflettu dawk illi saru fis-sentenzi appena ċitati;

50. Lura għall-azzjoni odjerna, il-fattispecie tal-każ huma sempliċi: Nhar l-ewwel (1) ta' Frar 2018, f'*boatyard* proprjeta' tas-soċjeta' Xwieki (Works) Limited, ħadet in-nar id-dgħajsa proprjeta' ta' Matthew Muscat, li kienet

iġġib l-isem ta' *Lady Graziella*. In-nar infirex f'ħakka t'għajn, bil-konsegwenza illi ħadu n-nar numru ta' dgħajjes oħra fl-istess *boatyard*, inkluż dik ta' Donald Carta, mertu tal-kawża odjerna. Donald Carta kien kopert b'polza t'assikurazzjoni mas-soċjeta' rikorrenti, illi għaddietlu s-somma ta' wieħed u ħamsin elf u erba' Ewro (€51,004). Il-kawża odjerna ġiet intavolata mis-soċjeta' rikorrenti kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Donald Carta, sabiex titħallas mill-intimati jew min minnhom l-istess somma bħala danni subiti;

51. Din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati:

## A. Prova illi Carta kien sid id-Dgħajsa u li tassew seħħet is-Surroga

52. L-intimati kollha jeċċepixxu illi kellha tinġab prova illi d-dgħajsa mertu tal-kawża odjerna kienet tappartjeni lil Donald Carta, u li tassew seħħet is-surroga li abbażi tagħha ġiet proposta l-kawża odjerna;

53. Din il-Qorti rat illi **Donald Carta** jikkonferma fl-affidavit tiegħu[4] illi huwa kien il-proprjetarju tad-dgħajsa mertu tal-kawża odjerna, u infatti jippreżenta ċertifika ta' reġistrazzjoni f'dan is-sens[5]. Dan il-fatt ma jiġi fl-ebda punt fil-proċeduri odjerni kontestat mill-intimati, u lanqas jiġi indirizzat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, b'dana illi din il-Qorti tieħu l-impressjoni illi l-intimati ma baqgħux jinsistu fuq din l-eċċezzjoni;

54. L-istess jingħad dwar is-surroga. Is-soċjeta' rikorrenti esebit bħala **Dok DC4** a fol 46 tal-proċess id-*Discharge & Subrogation Form*, iffirmata minn rappreżentant tagħha u minn Donald Carta nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2018;

55. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tqis din l-eċċezzjoni bħala **sorvolata** u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

[4] A fol 77 tal-proċess
[5] **Dok DC1** a fol 79 tal-proċess

**B. Leġittimu Kontradittur**

56. L-intimat Robert Riolo u l-kjamat in kawża Matthew Muscat jeċċepixxu illi huma ma kellhomx relazzjoni ġuridika ma' Donald Carta, u li għalhekk ma jistgħux jiġu kkonsidrati leġittimi kontradditturi fl-azzjoni odjerna;

57. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***[6]:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif*

[6] Ċit Nru 1365/92, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2001. Vide wkoll, *inter alia,* Rik Ġur 1233/2012, ***Keith Catania et vs Jean Pierre Debattista et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), STO Prim Imħallef M Chetcuti, 29 t'April 2021 (in ġudikat); Rik Nru 177/2014, ***Elton Taliana vs Onor Min għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali et***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Lulju 2020; u Rik Nru 252/2017, ***Carmelo sive Charles Bianco et vs Jeremy James Camilleri***, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ R Montebello, 8 t'Ottubru 2020 (in ġudikat)

*proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

58. Jibda biex jingħad illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti, fir-rigward ta' **Robert Riolo** tgħid, *"Ma kienx impjegat pero' ma kellu l-ebda sehem fil-boat yard li kienet tas-soċjeta' intimata biss u huwa kien jieħu istruzzjonijiet mingħand id-diretturi tas-soċjeta' intimata. Kif spjegat aktar 'il fuq, anke mill-kontro-eżami tiegħu joħorġu nuqqasijiet tas-soċjeta' intimata, li kellha l-obbligu li tieħu ħsieb id-dgħajjes daqs li kieku kienu tagħha bħala bonus paterfamilias fil-kapaċita' tagħha ta' depożitarja bi ħlas ta' l-istess dgħajjes."* Jidher għalhekk illi, minkejja illi kienet is-soċjeta' rikorrenti stess illi ħarrket lil Riolo flimkien mas-soċjeta' intimata, wara li tressqu l-provi m'għadhiex qed tinsisti dwar ir-responsabbilita' ta' Riolo fl-akkadut, <u>anzi</u> qed tissottometti illi hija s-soċjeta' intimata biss illi għandha tinżamm responsabbli għall-ħsarat kaġunati;

59. Mill-banda l-oħra, fir-rigward ta' **Matthew Muscat**, illi ġie kjamat in kawża mis-soċjeta' intimata, is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi, filwaqt illi ġie stabbilit illi n-nar beda minn fuq id-dgħajsa illi kienet tappartjeni lil Matthew Muscat, *"Din id-dgħajsa kellha ħafna appliances abbord, kienet imqabbda mal-elettriku provdut mis-soċjeta' intimata fil-ħin tal-inċident u kellha wkoll*

*ċilindru tal-gass. Mill-banda l-oħra jista' jingħad li dan kien frott tan-nuqqasijiet tas-soċjeta' intimata kif elenkati aktar 'il fuq."*[7] Naturalment, il-fatt innifsu illi l-kawża, meta ġiet intavolta, ma ġietx indirizzata wkoll mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront ta' Muscat, juri illi s-soċjeta' rikorrenti ma kinitx qed tippretendi illi jinżamm responsabbli Muscat; iżda s-sottomissjonijiet tagħha jkomplu jaffermaw dan il-punt;

60. Il-Qorti rat illi **Robert Riolo** qal illi xogħlu huwa li jsewwi l-magni tad-dgħajjes, u ilu jagħmel dan ix-xogħol madwar erbgħin sena[8]. Jispjega illi, *"jiena ma kelli l-ebda resposnabbilita' ħlief illi x'ħin id-dgħajsa tasal hemm nippustjaha, nippustjaha mhux nippustjaha jien, nagħti l-indikazzjonijiet ta' kif għandha tiġi ppustjata għax lanqas jien ma kont nippostjaha. Ovvjament kienu jippostjawha bil-makkinarju min kien iġibha. Kont ngħidilhom fejn hemm il-points tad-dawl u fejn hemm il-points tal-ilma, kont ngħidilhom fejn hemm il-fire extinguishers imwaħħlin mal-ħajt biex f'każ li jkollhom bżonnhom isibuhom malajr, ikunu jafu fejnhom, imbagħad kont intihom karta biex jiffirmawha u l-karta li jiffirmaw kont ngħaddiha lill-management tal-Bitmac."*[9] Dan huwa korraborat mill-ftehim esebit mill-istess Riolo indikat bħala *Boat Yard Venture*[10], illi fih jidher illi filwaqt illi s-soċjeta' Bitmac assumiet ir-responsabbilita' illi tipprovdi *"land, accessible and free of mud"* u *"Water and electricity, points and supply"*, Riolo kellu jkun responsabbli għall-*"Management of boat yard: - Contact person for boat owners; - Responsible for placing / shifting and removing boats on hard;* (sic) *- Supply of materials required to keep boats safe and upright; - Collection of storage fees."* Infatti, fil-ftehim illi ġie esebit minn Donald Carta, jidher illi Robert Riolo ffirma *"f/obo Bitmac (Works) Limited"*, u mhux f'ismu proprju[11]. Madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt illi Riolo kien jieħu 50% tal-miżati mħallsa skont il-*Boat Yard Venture*, u kien iffirma l-ftehim ma' Donald Carta, jirrendih materjalment parti fin-negozju li ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni odjerna. Għaldaqstant, din

[7] A fol 638 tal-proċess
[8] A fol 503 tal-proċess
[9] A fol 583 tal-proċess
[10] A fol 573 tal-proċess
[11] **Dok DC2** a fol 80 tal-proċess

il-Qorti hija tal-fehma illi Riolo għandu jitqies bħala leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, u l-eċċezzjoni minnu sollevata f'dan ir-rigward għandha tiġi **miċħuda**;

61. Filwaqt illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn Matthew Muscat u Donald Carta, jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi n-nar beda minn fuq id-dgħajsa tiegħu. Għaldaqstant, huwa evidenti illi Matthew Muscat jista' jitqies ukoll illi huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, stante illi, jekk jirriżulta illi d-dgħajsa ħadet in-nar b'negliġenza da parti tiegħu, l-istess Muscat għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut, u jiġi kundannat iħallas id-danni subiti. Din il-Qorti ma tarax għalhekk illi, f'dan l-istadju, għandha tilqa' l-eċċezzjoni minnu sollevata f'dan ir-rigward, u sejra tgħaddi sabiex **tiċħadha**.

## C. Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16

62. Riolo jeċċepixxi illi kwalunkwe talba għal danni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi illi, *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

63. Din il-Qorti rat illi din l-eċċezzjoni la ġiet indirizzata minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u lanqas saret referenza għaliha f'xi punt fil-mori tal-kawża, b'dana illi l-Qorti ħadet ukoll l-impressjoni illi l-intimat Riolo mhux qed jinsisti dwar din l-eċċezzjoni. Madanakollu, hija sejra tindirizzaha gaialadarba ġiet sollevata;

64. Ġurisprudenza tal-Qrati nostrana dejjem irriteniet illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tapplika għal danni extra-kontrattwali, cioe dawk li mhux ġejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni,

f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin (*inter alia*, ***Carmela Dalli vs Monomark Developments Limited***[12]);

65. Din il-Qorti rat illi bejn Donald Carta u Riolo ma kien hemm l-ebda obbligazzjoni naxxenti minn xi ftehim kuntrattwali. Infatti, hija s-soċjeta' rikorrenti stess illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tissottometti illi kwalsiasi responsabbilita' kellha tiġi assunta mis-soċjeta' intimata, u mhux minn Riolo, illi aġixxa biss għan-nom tal-istess soċjeta'. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi hija applikabbli, fil-każ ta' Riolo, il-preskrizzjoni biennali ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;

66. L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 jgħid illi, *"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."* Gialadarba l-ħsarat ma kinux ħsarat ta' natura kontinwa, huwa evidenti illi l-perjodu ta' preskrizzjoni beda għaddej minn dakinhar illi seħħew il-ħsarat, u cioe mill-ewwel (1) ta' Frar 2018;

67. Il-kawża odjerna ġiet intavolata nhar it-tlieta (3) t'Awwissu 2020. Ma tressqet l-ebda prova illi saret xi interpellazzjoni da parti tas-soċjeta' rikorrenti lil Riolo għall-ħlas qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna, jew xi interruzzjoni tal-perjodu estintiv mod ieħor skont il-liġi. Għaldaqstant, din il-Qorti, tqis illi l-perjodu ta' sentejn kien iddekorra meta ġiet ippreżentata l-azzjoni odjerna fil-konfront ta' Riolo, b'dana għalhekk illi l-azzjoni hija **preskritta** u l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn Riolo tirriżulta mistħoqqa;

68. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex **tilqa'** r-raba' eċċezzjoni sollevata mill-intimat Riolo, u dan in kwantu t-talbiet rikorrenti huma indirizzati fil-konfront tiegħu.

## D. Il-Mertu tal-Kawża

[12] Appell Ċivilli Nru 244/2006/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 13 ta' Marzu 2009

69. Dak illi jrid jiġi determinat fil-kawża odjerna huwa jekk l-akkadut kienx konsegwenza ta' nuqqasijiet da parti tal-intimati jew min minnhom. Is-soċjeta' rikorrenti tibbaża l-azzjoni tagħha fuq l-istitut ta' depożitu, u ssostni illi s-soċjeta' intimata, qua depożitarja, naqset milli tassikura illi jiġi evitat riskju għall-ħażna tad-dgħajjes, inkluż billi ma kinitx debitament liċenzjata u/jew adebita b'permessi xierqa u relattivi sabiex l-art tiġi operata bħala *boatyard*;

70. Il-Maġistrat Inkwerenti illi mexxa l-Inkjesta Maġisterjali fir-rigward tal-inċident mertu tal-kawża odjerna straħ fil-konklużjonijiet tiegħu[13] fuq il-konstatazzjonijiet tal-Espert Forensiku **Dr Daniel Vella**, u kkonkluda kif isegwi:

> *Fl-opinjoni tal-esponent, in-nar li ħakem id-dgħajjes ġewwa l-boatyard tal-Bitmac Ltd f'Triq tal-Balal ġewwa San Ġwann nhar l-1 ta' Frar 2018, ftit ħin wara n-nofs siegħa ta' filgħodu, kien wieħed li beda b'mod aċċidentali minn fuq dgħajsa waħda partikolari bl-isem Lady Graziella (dgħajsa numru 4 fil-Figura 2).*
>
> *L-esponent jifhem li n-nar, bi probabbilta' kbira, l-ewwel beda jħeġġeġ fuq in-naħa ta' ġewwa ta' din id-dgħajsa u wara ħareġ fuq il-parti ta' barra tagħha. Kien proprju f'dan il-punt li n-nar inqabad fil-kameras tas-sigurta'. Wara biss ftit sekondi li n-nar deher iħeġġeġ fuq il-parti ta' barra tad-dgħajsa, seħħet splużjoni kbira fuq din l-istses dgħajsa. Id-dgħajsa bl-isem Lady Graziella kienet spiċċat inqerdet għal kollox fin-nar li ħakem il-boatyard.*
>
> *Id-distanza relattivament kbira ta' 70m bejn id-dgħajsa Lady Graziella u l-kamera tas-sigurta' li kienet tinstab fid-*

[13] **Dok DC1** a fol 35 *et seq* tal-proċess

*daħla tal-boatyard (ara K1 fil-Figura 1) u l-fatt li l-istess dgħajsa kienet parzjalment moħbija mill-viżwal tal-kamera mmarkata K2 fl-istess Figura 1 (id-distanza hawn kienet ta' madwar 25 m) ma għamlithiex faċili li wieħed jasal għall-konklużjoni li n-nar proprju beda minn fuq din id-dgħajsa. L-isplużjoni li sussegwiet in-nar u d-danni li din ħalliet warajha pero' għamluha possibbli li d-dgħajsa li fuqha beda n-nar tiġi identifikata. [...]*

*[...]*

*L-esponent huwa tal-opinjoni li l-isplużjoni li seħħet fuq il-Lady Graziella oriġinat minn fuq iċ-ċilindru tal-gass tal-Liquified Petroleum Gas (LPG) li, skond ma stqarr Cleaven Portelli, kien stivat skonnettjat, ġewwa l-access port, fuq il-parti ta' quddiem tad-dgħajsa.*

*L-esponent jifhem li l-isplużjoni seħħet riżultat tal-ixpakkar mekkaniku ta' dan iċ-ċilindru tal-gass wara li dan ġie msaħħan għal temperatura għolja u għal tul ta' ħin.*

*[...]*

*L-esponent jikkonkludi għalhekk li n-nar beda riżultat ta' xi xort fl-elettriku fuq appliance li kien hemm fuq il-parti ta' ġewwa tad-dgħajsa u li fil-ħin tal-inċident kienet imqabbda mal-elettriku.*

71. Is-soċjeta' intimata, filwaqt illi ma tikkontestax il-fatt illi n-nar beda mid-dgħajsa ta' Matthew Muscat, tgħid illi l-ħsara li saret ma kinitx per kawża ta' forza maġġuri, iżda ġiet kawżata peress illi s-soċjeta' intimata m'applikatx id-diliġenza ordinarja ta' *bonus paterfamilias*. B'referenza għal dak illi ġie konkjuż minn **Elio Desira**, appuntat mis-soċjeta' rikorrenti stess

sabiex iħejji rapport dwar l-inċident, u mill-**Perit Marielouise Caruana Galea** nominata bħala espert tekniku fl-Inkjesta Maġisterjali, is-soċjeta' rikorrenti tissottometti illi kienu s-segwenti nuqqasijiet illi wasslu sabiex il-proprjeta' tal-asskurat tagħha ġġarrab il-ħsarat estensivi li ġarrbet:

- Is-soċjeta' intimata ma kellha l-ebda permess biex topera s-sit bħala *boatyard*;
- Ma kienx hemm *security guard* mas-sit li kien qed jintuża bħala *boatyard*;
- Ma kien hemm l-ebda rixtellu li jagħlaq iż-żona tal-*boatyard* mill-kumplament tas-sit tal-fabbrika tal-Bitmac;
- Kien hemm it-tankijiet tal-qatran fil-viċinanzi tal-*boatyard*;
- Kien hemm nuqqas ta' spazju bejn dgħajsa u oħra li kienu stivati fis-sit li kienet qed tintuża bħala *boatyard*;
- L-art tal-*boatyard* ma kinitx skond dak li tipprovdi l-liġi;
- Id-dgħajjes kienu mqabbdin mal-elettriku li kien provdut fuq is-sit mis-soċjeta' intimata;
- Nuqqas ta' ilma fuq is-sit li kien jintuża bħala *boatyard*;
- Nuqqas ta' CCTV cameras jew *fire extinguishers* fis-sit li kien qed jintuża bħala *boatyard*;
- Nuqqas ta' iċċekjar fuq id-dgħajjes fil-*boatyard* mis-soċjeta' intimata;

72. Huwa evidenti għalhekk illi għall-każ odjern japplikaw l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxu:

> *1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*
>
> *1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.*

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

73. Inoltre, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, din il-Qorti hi tal-fehma illi japplika wkoll dak stabbilit fl-Artikolu 1029 tal-Kap 16, u cioe:

*1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.*

Naturalment, dan l-artikolu għandu l-limitazzjonijiet tiegħu, u hekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited noe vs Falcotrans Limited***[14]:

*"il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza (Kollez. Vol. XXX pI p. 869). Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (Kollez. Vol. XXXV p II p. 637)."*

*Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Causon noe v. Sant, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, asseriet il-principju kardinali li m'hemmx kaz ta' kaz fortuwitu meta "concorre*

[14] Appell Ċivili Nru 3214/1996/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Ġunju 2013

*il-fatto posittivo o negattivo dell'uomo". Kompliet tghid li: "Il-forza maggura u l-istat ta' necessita`, 'quali mezzi liberatori della responsabbilita`, cessa quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo e colpa dell'agente' (Ciantar v. Gatt App. Inf. 15.5.1926)"*

74. Filwaqt illi din il-Qorti ma tridx ixxejjen il-fatt illi jista' jkun illi kien hemm nuqqasijiet fis-sit operat mis-soċjeta' intimata bħala *boatyard*, l-indaġini ta' din il-Qorti fil-kawża odjerna hija ristretta għal waħda sabiex jiġi determinat jekk in-nuqqasijiet (jew uħud minnhom) wasslux sabiex ġarrbet ħsara d-dgħajsa ta' Donald Carta jew le. Hekk, per eżempju, filwaqt illi t-tankijiet tal-qatran fil-viċin kienu *fire hazard*, u ma kinux jgħinu li kieku n-nar laħaq messhom, dawn ma kinux kaġun tal-ħsarat imġarrba mid-dgħajsa tal-assikurat tas-soċjeta' rikorrenti, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tibbaża deċiżjoni ta' responsabbilita' fil-konfront tas-soċjeta' intimata fuq il-fatt li kienu hemm. L-istess jingħad fil-każ tan-nuqqas ta' ruxtellu illi jifred iż-żona tal-*boatyard* mill-kumplament tas-sit tas-soċjeta' intimata: gialadarba ġie eskluż illi n-nar tqabbad minn terz, jew illi kienu ġew osservati persuni mhux awtorizzati jduru fil-viċinanzi, din il-Qorti ma tarax kif dan in-nuqqas seta' wassal sabiex sofra danni l-assikurat tas-soċjeta' rikorrenti;

75. Dwar ir-raġunijiet illi wasslu sabiex in-nar inxtered, l-espert forensiku **Dr Daniel Vella**, f'xhieda illi ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[15], jsemmi: (a) il-fatt illi d-dgħajjes kienu viċin ta' xulxin, b'distanza ta' madwar metru biss bejn waħda u oħra; (b) il-fatt li d-dgħajjes magħmulin mill-*fibre glass*, illi jieħu n-nar malajr; (c) kien hemm ir-riħ, illi għen biex massa ta' sħana timxi minn naħa għal oħra; (d) l-isplużjoni li tajret il-materjal u debris 'il barra, li seta' waqa' fuq dgħajjes oħra għadu jaqbad u qabbadhom ukoll; (e) ir-*reaction time* sakemm ġie konstatat x'qed jiġri u ttieħdet azzjoni; u (f) il-fatt illi d-dgħajjes kienu mqegħdin fuq il-ġebel, jiġifieri kien diffiċli sabiex tmexxihom jew tressaqhom minn ma' xulxin;

[15] Traskrizzjoni esebita bħala **Dok D** a fol 561 *et seq* tal-proċess

76. Ġiet esebita wkoll it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Peter Paul Coleiro**, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili illi mar fuq il-post fil-ħin tal-akkadut, u illi xehed fi proċeduri oħra simili għall-każ ojdern[16]. Huwa jgħid illi fuq il-post kien hemm *fire extinguisher*, iżda ma kienx biżżejjed: *"seta' kien hemm miljun fire extinguishers imma inti mhu ħa tagħmel l-ebda differenza"*. Jispjega illi n-nar, *"jibda jikber exponentially bħala speed, tant it-temperatura tant tkun għolja li jibda letteralment qisu jaqbes minn dgħajsa għall-oħra għax jibda jirrifletti s-sħana, inti fuq id-dgħajsa għandek affarijiet bħal ma huwa lastiku, rubber li faċilment jieħu n-nar jassorbi s-sħana at some point ma jiflaħx iktar u instantaneously combust anke jekk il-fjamma ma tkunx misset miegħu ġġifieri mhux neċessarjament għax il-fjamma misset mal-oġġett jrid jaqbad jekk dan telgħetlu t-temperatura above il-fire temperature tiegħu jiddependi skond x'materjal hu it will spontaneously combust."* Mistoqsi jekk l-art komplietx iżżid mal-firxa tan-nar, l-istess xhud jikkonferma illi l-art kienet adegwata: *"L-art kienet tikkonsisti fi żrar tal-barriera oħxon illi jekk jaqa' xi żejt fuqu ħa ngħidu hekk, jidħol taħtha, jagħmel ħsara ambjentali imma ma jkunx anke jekk jaqgħalek petrol mhux ħa jimxilek bħal fuq il-concrete u jkun jista' jekk jaqbad, iqabbad kulma hemm."* Mistoqsi kemm intuża ilma, ix-xhud jgħid illi ntuża mija u tmenin litru ilma u sebat elef litru foam. Huwa jikkonferma illi fuq is-sit ġie informat illi kien hemm biss erbat elef litru ilma, u li l-kwantita' ta' ilma li ntużat biex jintefa' n-nar mhux soltu jsibuhom f'sit privat, imma jgħin illi jkun hemm l-ilma stante illi *"li jkollok ammont ta' ilma tista' taqbad l-inċident iktar malajr u tista' tikkontenieh iktar malajr"*. Dwar il-foam jgħid illi, *"Hemm xi siti f'Malta, huma siti kbar bħal power station, huma obbligati li jkollhom l-istess ammont li jkollna aħna, fuq il-post. Imma dawk huma obbligazzjonijiet illi ma jaqgħux fuq entrapriżi bħal dat-tip."* Dwar l-ispazju illi kien hemm bejn id-dgħajjes, jgħid illi, *"Hemm postijiet li huma agħar minn dan is-sit u hemm postijiet li huma aħjar minn dan is-sit"*, u li meta seħħ inċident f'*boatyard* oħra fejn id-dgħajjes kienu miżmum aktar 'il bogħod minn xulxin, in-nar kien ġie kontenut aħjar;

[16] **Dok B** a fol 543 *et seq* tal-proċess u **Dok C** a fol 553 *et seq* tal-proċess

77. Finalment, skont ir-rapport tal-**Perit Marielouise Caruana Galea** esebit fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali[17], din il-Qorti rat illi mir-riċerka li għamlet il-Perit irriżulta illi, skont id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, ma jeżistux linji gwida jew *policies* li huma speċifikament għal *Open Storage Areas*, u li sabiex tiġi operata *boatyard*, applikant jiġi informat li għandu bżonn japplika għal *Environmental Permit* illi *"sal-ġurnata tallum, mhiex obbligatorja bil-liġi u l-applikant jista' jopera mingħajr dan il-permess".* Huwa fit-termini ta' din l-applikazzjoni illi l-ERA tispeċifika illi l-art ta' *boatyard* għandha tkun ta' materjal iebes u li ma jgħaddix likwidu minnu għal ġos-sotterran (*impervious*), u dan sabiex ma jħallix impatt ambjentali negattiv;

78. Meqjus il-prmess, din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjeta' rikorrenti in kwantu ssostni illi dawn in-nuqqasijiet tas-soċjeta' intimata, u cioe il-fatt illi ma kienx hemm permess sabiex topera s-sit bħala *boatyard*, il-fatt illi ma kienx hemm rixtellu, il-fatt illi ma kien hemm tankijiet tal-qatran fil-viċinanzi, il-fatt illi l-art ma kinitx *impervious*, u l-fatt illi kien hemm *fire extinguisher* wieħed, għandhom iwasslu sabiex tiġi attribwita lis-soċjeta' intimata responsabbilita' għall-akkadut;

79. Mill-banda l-oħra, din il-Qorti tqis iżda illi tista' tiġi attribwita lis-soċjeta' intimata responsabbilita għall-akkadut a bażi ta' tliet fatturi: (a) li ma kienx hemm *security guard* mas-sit li jintuża bħala *boatyard*; (b) li ma kinux jiġu ċċekjati d-dgħajjes fil-*boatyard* mis-soċjeta' intimata; u (c) li ma kienx hemm biżżejjed ilma fuq is-sit. Jekk wieħed kellu jibda minn din tal-aħħar, din il-Qorti hija tal-fehma illi jekk is-soċjeta' intimata kienet ser tidħol għar-responsabbilita' illi toffri post ta' ħażna għal numru ta' dgħajjes poġġuti qrib xulxin, magħmula minn materjal illi huwa *highly flammable*, b'mod partikolari f'ambjent fejn jista' jkun illi ser isir xi xogħol ta' manutenzjoni fuqhom, hija kellha tieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex taħseb għall-esiġenzi kollha. **Dr Daniel Vella** jsemmi illi huwa saqsa lill-proprjetarji tad-dgħajjes jekk fuq il-post kienx qed jintuża *linseed oil*, li huwa likwidu illi jintuża frekwentement fuq id-dgħajjes, u illi jieħu n-nar waħdu. Irrispettivament mill-fatt illi, fil-każ odjern, jidher illi l-kawża kienet xort fl-

[17] Esebit ukoll fl-atti ta' din il-kawża, a fol 135 *et seq* tal-proċess

elettriku, is-soċjeta' intimata, gialdarba daħlet għar-responsabbilita' illi toffri *boatyard*, kellha tara illi l-*boatyard* tkun attrezzata fil-każ ta' nar, aktar u aktar la kienet bi ħsiebha tistiva d-dgħajjes qrib xulxin u tospita xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istess dgħajjes. Għalkemm minnu nnifsu l-fatt illi tistivahom qrib xulxin jidher illi hija prattika normali fil-qasam, is-soċjeta' intimata, bħala dik illi kellha tipprovdi l-ispazju, l-art, id-dawl u l-ilma, kellha tara illi l-ilma ma jkunx ikopri biss il-bżonn gornalier ta' min qed jaħżen id-dgħajsa fl-ispazju, iżda wkoll każ t'emerġenza;

80. Inoltre, il-Qorti rat ukoll illi, mix-xhieda ta' **Robert Riolo** jirriżulta illi *watchman* wieħed huwa inkarigat mis-sit kollu tas-soċjeta' intimata, illi parti żgħira minnha biss hija l-*boatyard* mertu tal-kawża odjerna. Dan il-*watchman "ikun ġo kamra 'il ġewwa mill-gate, u ġol-karozza idur biex jara illi kollox sew"*[18]. Mhux kontestat il-fatt illi, fil-lejl tal-akkadut, il-*watchman* kien fuq il-post, u jidher illi kien hu li ċempel lil Riolo biex jinformah b'dak illi kien ġara; madanakollu, din il-Qorti tifhem ukoll illi *watchman* wieħed illi għandu bżonn karozza sabiex jgħasses iż-żona kollha illi tagħha huwa responsabbli, ma kienx ser jinduna mill-ewwel bil-fatt illi ġod-dgħajsa kien qed iħeġġeġ nar qabel kien tard wisq. Dr Daniel Vella jikkonkludi illi n-nar kien ilu jaqbad ġod-dgħajsa qabel ma kiber biżżejjed illi wassal sabiex seħħet l-isplużjoni, anke jekk fuq is-CCTV cameras l-isplużjoni dehret ftit ħin biss wara li jidher in-nar, u dan stante illi l-isplużjoni seħħet per konsegwenza ta' *"temperatura għolja u għal tul ta' ħin"*. Li kieku għalhekk iż-żona wżata bħala *boatyard* kellha uffiċjal ta' sigurta' jew *watchman* illi xogħlu kien limitat għal dik iż-żona biss, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-inċident sfortunat seta' ġie evitat, stante illi n-nar kien jiġi kontenut qabel jinfirex;

81. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti tqis illi, minkejja illi qed jiġi konċess illi x-xort fl-elettriku seta' kien risultat ta' każ fortuwitu, is-soċjeta' konvenuta, b'dawn in-nuqqasijiet tagħha, ikkaġunat ħsara illi kienet prevedibbli u evitabbli, u dan peress illi daħlet għal responsabbilita' illi tieħu ħsieb

[18] A fol 507 tal-proċess

ħwejjeġ ħaddieħor daqs kemm tieħu fil-kustodja ta' ħwejjiġha, mingħajr ma ħadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex tara illi fl-aħħar mill-aħħar, meta trodd lura d-dgħajsa, troddha lura *in natura*. Mhux mitluf fuq il-Qorti l-fatt illi l-"ftehim" illi fuqu tibbaża ħafna mid-difiża tagħha s-soċjeta' intimata, u cioe dak iffirmat minn Donald Carta fit-tnax (12) ta' Lulju 2018, *pre-dated* sabiex ikollu effett minn Lulju 2017, ngħata lil Carta **<u>wara</u>** li seħħ l-akkadut, meta s-soċjeta' intimata ħasset illi hemm lok illi tinżamm responsabbli għal dak li ġara sforz nuqqasijiet fis-sit. Infatti, **Donald Carta** jgħid illi ffirma, *"Biex nieħu d-dgħajsa lura"*[19], b'dana illi din il-Qorti ħadet l-impressjoni illi d-dgħajsa tal-assikurat intużat mis-soċjeta' intimata bħala *leverage* sabiex tipprova teħles ruħha minn kwalsiasi responsabbilita' illi setgħet tiġi attribwita lilha. Din il-Qorti ma tista bl-ebda mod taċċetta ftehim illi sar taħt dawn iċ-ċirkostanzi bħala wieħed validu;

82. F'dak illi jirrigwarda lill-kjamat in kawża Matthew Muscat, din il-Qorti tirrileva illi, effettivament, ir-raġuni illi għaliha ġarrab danni l-assikurat tas-soċjeta' rikorrenti ma kienx dak illi ġara fuq id-dgħajsa ta' Muscat, iżda n-nuqqasijiet u ċ-ċirkostanzi illi wasslu sabiex in-nar infirex, bil-konsegwenza illi nħarqet ukoll id-dgħajsa tal-assikurat li kienet sitt dgħajjes 'il bogħod mil-*Lady Graziella*. Għal dawn in-nuqqasijiet żgur illi ma jistax jinżamm responsabbli Muscat;

83. Finalment, dwar is-somma pretiża mis-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti rat illi ġew esebiti:

   a. Iċ-ċekk illi permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti għaddiet lil Donald Carta s-somma ta' €50,650[20];

   b. Iċ-ċekk illi permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti għaddiet lil Donald Carta s-somma ta' €354[21] rappreżentanti *survey fees* skond il-fattura maħruġa minn Oceanus Marine Limited ukoll esebita[22];

---

[19] A fol 457 tal-proċess
[20] **Dok DC3** a fol 45 tal-proċess
[21] **Dok DC6** a fol 48 tal-proċess
[22] **Dok DC5** a fol 47 tal-proċess

c. Kopja tal-*policy* illi minnha jirriżulta illi Donald Carta kien assikurat fis-somma ta' €70,000[23];

d. Dokument illi permezz tiegħu ċertu Andy Camilleri jiddikjara illi, *"I have bought the salvage of the vessel Searay 355 Sundancer from Donald Carta [...] for the sum of Eur 19 000 (nineteen thousand Euros) as agreed by Citadel plc, Mr Carta and myself"*[24];

84. Meta wieħed inaqqas is-somma ta' €19,000 minn €70,000, u jitnaqqsu wkoll il-*policy excess* fis-somma ta' €200 u s-somma ta' €150 illi s-soċjeta' rikorrenti stess tiddikjara illi għandhom jitnaqqsu stante illi jirrappreżentaw oġġetti illi żamm l-assikurat, tibqa' s-somma ta' €50,650. Miżjuda ma' din is-somma l-ispejjeż tas-*survey*, tirriżulta s-somma ta' €51,004. B'hekk is-somma pretiża ta' €51,004 tirriżulta pruvata;

85. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** t-talbiet rikorrenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa'** r-raba' eċċezzjoni sollevata minn Robert Riolo u tiddikjara illi l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;

ii. **Tilqa'** l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara illi s-soċjeta' intimata Xwieki (Works) Limited hija responsabbli għall-ħsara nġenti fuq il-cabin cruiser "OCEAN PEARL II";

[23] **Dok DC7** a fol 49 *et seq* tal-proċess
[24] **Dok DC4** a fol 84 tal-proċess

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba rikorrenti u tikkundanna lis-soċjeta' intimata Xwieki (Works) Limited tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont totali ta' wieħed u ħamsin elf u erba' Ewro (€51,004) bħala danni subiti, bl-imgħax legali dekoribbli mit-tlieta (3) t'Awwissu 2020 sad-data tal-effettiv pagament;

iv. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati u l-kjamat in kawża in kwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tas-soċjeta' Xwieki (Works) Limited, salv għall-ispejjeż ġudizzjarji ta' Robert Riolo illi huma a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**